**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 23 ta` April 2019**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 405/2019 JZM fl-ismijiet :**

**Dolores sive Doreen Borg (K.I. nru. 391460M) u zewgha Adrian Borg (K.I. nru. 403556M)**

***kontra***

**Carmel Bonello (K.I. nru. 482646M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Ir-rikorrenti ipprezentaw rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("**il-Mandat**") fis-27 ta` Marzu 2019.

Mar-rikors kienu prezentati dokumenti.

Fis-27 ta` Marzu 2019, il-Qorti tat digriet fejn, wara li laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, ordnat in-notifika tal-atti lill-

intimat, b`ghaxart (10) ijiem zmien biex iwiegeb bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh.

L-intimat kien notifikat fis-<u>27 ta` Marzu 2019</u>, u pprezenta risposta fit-<u>2 ta` April 2019</u>. Ghar-ragunijiet indikati, l-intimat talab lill-Qorti sabiex ma tordnax il-hrug tal-Mandat.

Mar-risposta kienu prezentati dokumenti.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tal-<u>15 ta` April 2019</u>.

Fil-kors ta` din l-udjenza xehed il-Perit Michael Lanfranco.

Ir-rikors thalla ghal provvediment kamerali.

**Ikkunsidrat :**

## II. <u>It-talba</u>

Ir-rikorrenti talbu sabiex l-intimat jinzamm milli :-

*jkompli jesegwi u/jew jaghmel, jinkariga u /jew jippermetti illi jsir kwalunkwe xoghol u/jew zvilupp fil-komun tal-blokk appartamenti bl-indirizz 90,l Maryanne Court, Triq Santa Margerita, San Gwann.*

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>Ir-raguni</u>

Ir-rikorrenti talbu l-hrug tal-Mandat ghaliex jikkontendu li x-xoghol in kwistjoni johloq pregudizzju serju fil-konfront taghhom, u sejjer ikompli jilledi u jaggrava d-drittijiet taghhom fir-rigward tal-ambjenti li jippossjedu in komun mal-intimat. Isostnu li l-intimat ghamel xogholijiet fil-komun minghajr il-kunsens taghhom.

**Ikkunsidrat :**

## IV. Il-posizzjoni tal-intimat

L-intimat wiegeb ghall-istanza tar-rikorrenti billi sostna li kull xoghol li ghamel fil-propjeta` komuni ghaz-zewg nahat kien in linea mal-jeddijiet tieghu.

**Ikkunsidrat :**

## V. Dritt

Id-disposizzjoni li tirregola procediment tax-xorta tal-lum hija l-**Art 873 tal-Kap 12**. L-artikolu huwa kompost minn erba` subincizi. Dawk rilevanti ghall-kaz tal-lum huma l-ewwel tnejn. Ighidu hekk :-

*(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Minn analizi tas-subincizi (1) u (2) tal-Art 873 tal-Kap 12, wiehed isib illi l-Qorti hija prekluza ("***m`ghandhiex***") milli tordna l-hrug tal-Mandat, sakemm ma jirrikorrux dawn ir-rekwiziti :-

i) Illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti ;
ii) Illi jidher sal-livell ta` *prima facie* li r-rikorrenti ghandha dawk il-jeddijiet ;
iii) Illi bil-fatt illi ma jkunx ordnat il-hrug tal-Mandat, il-pregudizzju li garrab ir-rikorrenti jkun irrimedjabbli.

**Ikkunsidrat :**

## VI. Konsiderazzjonijiet

**Ghall-fini tal-procediment tal-lum, din il-Qorti tqis bhala determinanti x-xiehda tal-Perit Michael Lanfranco.**

Tghid hekk ghaliex Perit Lanfranco xehed illi **tlesta** x-xoghol li kellu jsir fil-komun tal-blokk in kwistjoni.

**Wara li qieset b`reqqa dak li xehed Perit Lanfranco, huwa evidenti ghal din il-Qorti, tal-inqas fuq livell ta` *prima facie,* illi kull ma ried l-intimat li jkun ezegwit fil-partijiet komuni tlesta sad-data tan-notifika tar-rikors promotur tal-istanza tal-lum.**

Fil-kors tat-trattazzjoni tar-ragunijiet li wasslu ghall-presentata tar-rikors, sar l-argument, li nibet mix-xiehda tal-Perit Lanfranco, illi dak li fadal x`isir sabiex l-intimat **jiffinalizza** x-xoghol huwa : a) li jaghlaq bis-sengha l-ispazju li diga` sar bejn il-kanen u l-hitan (ara r-ritratti esebiti) ; u b) li jaghmel komunikazzjonijiet li kienu ndikati mill-Perit Lanfranco.

Propju ghaliex il-procedura tal-Mandat hija **eccezzjonali u straordinarja** ("Xuereb noe vs Hili noe" : Qorti tal-Kummerc : 22 ta` Settembru 1994), il-Qorti mhijiex tara l-htiega li tordna l-hrug tal-Mandat, ghaliex dak li **fis-sostanza riedu** r-rikorrenti li jintlaqat bir-rikors odjern fil-fatt tlesta sad-data tal-presentata tar-rikors.

**Din il-Qorti tghid minghajr l-icken esitazzjoni li dak li l-legislatur ried jolqot bil-procedura kontemplata bl-Art 873 tal-Kap 12 kienet is-sostanza tar-raguni ghat-talba, mhux it-tentufiet u/jew in-naqriet.**

Dan premess, fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors, qamu kwistjonijiet ta` mertu.

Din il-Qorti tishaq illi l-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat ghandha jew tintlaqa' jew tigi michuda.

Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti, fi procediment bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Ghalhekk il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta' l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista' jew m'ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Il-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad t-talba tar-rikorrenti.**

**Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tas-27 ta` Marzu 2019 safejn provvizorjament ordnat il-hrug tal-mandat.**

**Tordna li l-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu bla taxxa.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**